MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 78/2013

**Francis Abela (K.I. 454942M), Anna sive` Annie Buhagiar (K.I. 818143M), Joseph Abela (K.I. 722748M), Paul Abela (K.I. 94851M) u Joseph Abela (K.I. 186165M)**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fit-28 ta` Jannar 2013 li jaqra hekk –

*Illi l-genituri tar-rikorrenti Francis Abela, Anna sive` Annie Buhagiar, Joseph Abela u Paul Abela u cioe`*

*Carmelo Abela u Francesca Abela kienu azzjonisti fil-kumpannija Abela Enterprises Limited (C879) b`dana illi Carmelo Abela kellu tlett mitt (300) sehem Ordinarju ta` valur nominali ta` €2.329373 kull wiehed filwaqt li martu Francesca Abela kellha hames mitt (500) sehem Ordinarju ta` valur nominali ta` €2.329373 kull wiehed u dana kif jirrizulta mir-records tal-kumpannija hekk kif riportati fuq il-website tar-Registru tal-Kumpanniji (kopja hawn annessa u mmarkata Dok 1).*

*Illi Carmelo Abela miet fil-25 ta` Settembru 1975 filwaqt li martu Francesca Abela mietet fit-28 ta` April 2000.*

*Illi r-rikorrenti Francis Abela, Anna sive` Annie Buhagiar, Joseph Abela u Paul Abela flimkien ma` huhom George Abela wirtu f`sehem ugwali lill-genituri taghhom Carmelo u Francesca Abela u dana kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni tan-Nutar Kristel Chircop hawn annessa u mmarkata Dok 2.*

*Illi wiehed mit-tfal tal-mejtin Carmelo u Francesca Abela u cioe` George Abela miet fl-10 ta` Dicembru 2010.*

*Illi permezz ta` testment fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon datat 7 ta` Dicembru 2000 (kopja ta` liema huwa anness ma` Dok 2) il-mejjet George Abela halla b`titolu ta` legat il-propjeta` parafernali kollha tieghu (inkluzi l-ishma fil-kumpannija Abela Enterprises Limited) lil :*

*Huh, Paul Abela kwart indiviz*
*Ohtu Anna sive` Annie Buhagiar kwart indiviz*
*Huh, Joseph Abela kwart indiviz*
*In-neputi tieghu Joseph, iben huh Francis Abela kwart indiviz*

*u dana kif jirrizulta mill-istess Dok 2.*

*Illi kif jirrizulta minn avviz ta` thassir mahrug mir-Registratur tal-Kumpanniji (kopja hawn annessa u mmarkata Dok 3, vide pg 3) il-kumpannija abela Enterprises Limited, thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mid-29 ta` Jannar 2008.*

*Illi filwaqt li l-esponenti kienu jafu li wirtu lill-genituri taghhom, lil huhbom u (fil-kaz ta` Joseph Abela) lil zijuh, sa ftit ilu, huma ma kienux konxji tal-fatt illi Abela Enterprises Limited – li fiha huma wirtu numru ta` ishma – kienet fil-fatt thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.*

*Hawn ta` min isemmi illi r-rikorrent Paul Abela, li kien direttur tal-kumpannija in kwistjoni sa mit-22 ta` Settembru 1975, qatt ma kien gie nnotifikat bl-intenzjoni tar-Registratur li jnehhi lill-istess kumpannija minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, u sa fejn jaf hu, il-kumpannija qatt ma rceviet ebda ittra minghand ir-Registratur tal-Kumpanniji kif irid l-art 325(1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi meta thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, Abela Enterprises Limited kellha diversi propjetajiet registrati f`isimha u dana kif jirrizulta minn rapport imhejji min-Nutar Kristel Chircop u r-ricerki relattivi li qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati Dok 4 u Dok 5 rispettivament.*

*Illi ghalhekk l-esponenti hassew ruhhom aggravati bil-fatt li l-isem tal-kumpannija thassar minn fuq ir-Registru u ghandhom kull interess illi l-istess kumpannija terga` titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li l-isem tal-kumpannija Abela Enterprises Limited (C879) jerga` jiddahhal fir-*

*Registru tal-Kumpanniji b`dana illi l-kumpannija titqies illi kompliet bl-esistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar u dana that dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa u dana ai termini tal-Art 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fis-7 ta` Marzu 2013 li taqra hekk –

*Illi l-kumpannija in kwistjoni Abela Enterprises Limited (C879) giet registrata fis-17 ta` Gunju 1967 taht l-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali 1962 u ghada hekk sal-lum. Dan billi l-kumpannija in kwistjoni u l-ufficjali taghha qatt ma rregolaw ruhhom mal-att dwar il-Kumpanniji 1995. Dana billi qatt ma nbaghat ghar-registrazzjoni d-dokument tal-compliance sabiex il-kumpannija tigi regolata taht l-istess Att. Fin-nuqqas ta` dan l-Artiklu 428 ta` l-Att jipprovdi ghal multa kif spjegat aktar `l isfel.*

*Illi dan in-nuqqas kien ilu jigi rilevat mir-Registratur mis-sena 1999 fejkn kien baghat ittra cara lill-ufficjali tal-kumpannija fejn avzahom illi jekk dan id-dokument jibqa` ma jintbaghatx u l-kumpannija ma tigix xolta hija tibqa` soggetta bid-dmirijiet u l-osservanza mposti fuqhom mill-Att dwar il-Kumpanniji 1995. Illi minkejja dan kollu l-kumpannija u l-ufficjali taghha baqghu nadempjenti.*

*Illi konsegwentement meta l-kumpannija baghtet in-notifika tar-rizenja ta` Nazzareno Abela (230026M) minn direttur fis-16 ta` Frar 2005 ufficjal tar-Registru tal-Kumpanniji rega` wissa permezz ta` ittra lid-diretturi l-ohra, partikolarment lil George Abela u lil Paul abela illi din in-notifika kienet qeghda tigi registrata ai termini ta` l-Artikolu 428(15) ta` l-Att biss. Tali artikolu jobbliga lir-*

*Registratur sabiex jirregistra n-notifika minkejja n-nuqqas tal-kumpannija u ta` l-ufficjali taghha illi jikkonsenjaw id-dokumentazzjoni tal-compliance lir-Registratur ghar-registrazzjoni. L-istess Artikolu ikompli sabiex jaghmilha cara illi jekk socjeta` kummercjali tonqos milli taghmel il-bidliet mehtiega bil-ligi qabel l-1 ta` Marzu 1998 din tehel penali ta` mija u sittax –il Euro u sebgha u erbghin centezmu u penali ulterjuri ta` erbgha euro u sitta u sittin centezmu ghal kull gurnata wara dik id-data li matulu ikompli tali nuqqas. Fl-istess ittra l-ufficjal staqsa lill-kumpannija u d-diretturi taghha partikolarment lil George Abela u lil Paul Abela jekk kienx hemm xi interess li jistghu ghad ghandhom fil-kumpannija in kwistjoni izda r-Registratur ghal darb`ohra ma rcieva ebda twegiba ghal dawn it-twissijiet. Aktar minn hekk il-kumpannija ma baghtet la l-compliance, la kontijiet annwali u lanqas prospett annwali ghal tmintax-il sena shah.*

*Illi tali inadempjenzi serji wasslu lir-Registratur sabiex jissoponi li l-kumpannija ma kenitx qeghda topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att u li l-ufficjali taghha ma kellhomx xi tip ta` interess illi l-isem tal-kumpannija jibqa` fuq ir-Registru.*

*Illi ghalhekk ir-Registratur mexa sabiex jinforza d-disposizzjonijiet ta` l-imsemmi Artikolu 325 fil-konfront tal-kumpannija in kwistjoni.*

*Illi fir-rigward tal-korrispondenza mibghuta mir-Registratur jidher car mid-dokumentazzjoni hawn annessa ma` din ir-risposta illi r-Registratur mar oltre minn dak li jitlob minnu skond l-artikolu 325 ta` l-Att. Dan ghaliex dejjem jibghat ittri kif ghamel ukoll fil-kaz odjern lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha kif ukoll fl-indirizzi personali tad-diretturi kollha taghha. Dan m,eta r-Registratur huwa legalment obbligat biss illi jibghat tali korrispondenza lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*Ir-Registratur jixtieq umilment jigbed l-attenzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti illi minkejja diversi korrisprondenza u avvizi li hu ilu jibghat lill-kumpannija u lill-ufficjali taghha huwa qatt ma gie nformat bil-qaghda tal-kumpannija liema informazzjoni hija kontenuta fir-rikors promotur. Ir-Registratur jirrileva wkoll li l-ebda ittra li ntbaghtet minn qatt giet lura u ghalhekk wiehed jassumi illi tali korrispondenza waslet ghand id-destinatarji rispettivi.*

*Illi fid-29 ta` Ottubru 2007, ir-Registratur ippubblika avviz fuq il-website mizmuma minnu kif ukoll f`gazzetta li tohrog kuljun illi b`effett minn tlett xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta` l-istess avvizi l-isem tal-kumpannija kellu jigi mhassar minn fuq ir-Registru.*

*Illi billi ma rcieva l-ebda oggezzjoni ghal tali thassir, fl-4 ta` Frar 2008 ir-Registratur ippubblika avviz li kien ighid illi fid-29 ta` Jannar 2008 l-isem tal-kumpannija Abela Enterprises Limited (C849) gie maqtugh mir-Registru.*

*Illi r-Registratur ihoss illi ghalkemm setghu kienu jezistu xi diffikultajiet fil-kumpannija id-diretturi jew is-segretarju tal-kumpannija setghu almenu jibghatu l-Annual Returns regolari ta` kull sena. Dan partikolarment meta wiehed iqis illi dan huwa semplicement prospett li mieghu hemm marbut id-dritt tar-registru u seta` ghaldaqstant jigi facilment maghmul u mibghut minn kull ufficjal tal-kumpannija.*

*Ghalhekk ghar-ragunijiet suesposti ir-Registratur tal-Kumpanniji jtlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet kif maghmula mir-rikorrenti. Dan sakemm ma jipprezentawx id-dokumenti li qatt ma baghtu ghar-registrazzjoni partikolarment id-dokument tal-compliance, il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali nieqsa u xi dokumenti preskritti mil-ligi fejn jidher xi tibdil li sar fil-kumpannija u fl-ufficjali taghha matul dan iz-zmien kollu. Ir-Registratur jixtieq jissolleva wkoll illi jekk dina l-*

*Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru fis-sentenza taghha ghandha taghti dawk il-provvedimenti illi jidhrilha xierqa biex l-obbligazzjonijiet tal-kumpannija u ta` l-ufficjali taghha partikolarment dak illi jithallsu l-multi kollha dovuti lir-Registratur jerghu jigu fis-sehh. Dan sabiex terzi persuni li r-Registratur fil-kunzjoni pubblika tieghu huwa marbut li jhares jerghu jitqieghdu fl-istess posizzjoni kemm jista` jkun qrib dik li kieku l-isem tal-kumpannija qatt ma thassar.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-risposta.

Rat il-verbali tal-udjenzi tas-26 ta` Marzu 2013 u tal-10 ta` Ottubru 2013.

Rat in partikolari illi fl-udjenza tal-10 ta` Ottubru 2013 inghad hekk *inter alia* –

*B`riferenza ghall-verbal tal-udjenza tas-26 ta` Marzu 2013 il-Qorti giet infurmata mid-difensuri tal-partijiet illi r-rikorrenti ottemperaw ruhhom bi shih ma` dak kollu li kien mistenni mir-Registratur tal-Kumpanniji u kif migbur fl-ahhar paragrafu tar-risposta guramentata tar-Registratur a fol 280.*

*Dr Claudette Fenech qed tinforma lill-Qorti li in vista tal-fatt illi llum il-posizzjoni giet regolarizzata ir-Registratur tal-Kumpanniji m`huwa qed isib ebda oggezzjoni biex il-kumpannija terga` tidhol fir-Registru.*

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-10 ta` Ottubru 2013 fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Fl-ghoti tal-provvediment tal-lum, din il-Qorti sejra tqis illi sa mill-ewwel appuntament tal-kawza u cioe` l-udjenza tas-26 ta` Marzu 2013 ir-rikorrenti wrew disponibilita` li jassikuraw li kwalsiasi pendenza li l-kumpannija kellha mar-Registratur tal-Kumpanniji tigi regolarizzata **qabel** ma` din il-Qorti tiddeciedi jekk takkordax inkella le t-talba taghhom kif dedotta fir-rikors promotorju. Fil-fatt ir-rikorrenti ffinalizzaw l-pendenzi kollha li kellhom mar-Registratur tal-Kumpanniji **qabel** l-udjenza tal-10 ta` Ottubru 2013 – kollox inkluz u xejn eskluz. Kien propju ghalhekk illi r-Registratur tal-Kumpanniji ma baqax joggezzjona li l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru.

Din il-Qorti trid tghid illi l-Art.325 tal-Kap.386 jirregola l-imgieba tar-Registratur tal-Kumpanniji f`sitwazzjonijiet fejn kollox ikun jindika li jew kumpannija li tkun giet kostitwita skond l-Ordinanza tal-1962 turi bil-fatti li ma tridx tkun *compliant* mal-Kap 386 inkella tkun tidher illi mhijiex qeghda topera. Minn dak li rrizulta b`mod komplessiv fil-kawza tal-lum, din il-Qorti ma ssib propju xejn x`ticcensura fil-mod kif gab ruhu l-intimat. Anzi r-Registratur wiegeb wahda wahda ghall-ilmenti tar-rikorrenti kif kienu dedotti fir-rikors promotur u frankament din il-Qorti tistqarr minghajr l-icken esitazzjoni li l-istampa tal-fatti kif tohrog mir-risposta guramentata taghti aktar affidament u thalli lil din il-qorti aktar serena kif kif ir-rikorrenti pprezentaw il-fatti fir-rikors taghhom. Din il-Qorti tghid illi kull nuqqas kien imputabbli lill-kumpannija, li taghha r-rikorrenti kienu l-azzjonisti u/jew diretturi, inkluz fejn si tratta tal-adempiment tal-obbligi taghha skond il-ligi.

Is-subinciz (4) tal-Art 325 tal-Kap 386 huwa dak rilevanti biex jirregola s-sitwazzjoni li jipprezentaw il-fatti ta` din il-kawza.

Jaqra hekk –

*Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir … tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih jghaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

Fil-kaz tal-lum, mhuwiex kontestat illi r-rikorrenti huma membri tal-kumpannija in kwistjoni. Ghalkemm tabilhaqq *in extremis* ir-rikorrenti fil-fatt hadu azzjoni fit-terminu stabbilit mil-ligi. Din il-Qorti qieset il-fatti u c-cirkostanzi ta` l-kaz, partikolarment dak illi xpruna lir-rikorrenti sabiex jiehdu azzjoni, u tghid illi kollox meqjus, hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru. Hija hekk sodisfatta anke ghaliex kif kien rilevat fl-udjenza tal-10 ta` Ottubru 2013 l-atti kollha li s-socjeta` kellha tibghat lir-Registratur skond il-ligi llum huma regolarizzati, u kull dritt jew penali dovuti lir-Registratur kien saldat tant illi llum l-intimat mhuwiex kontra li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

**Fl-istess waqt il-Qorti trid taghmilha mill-aktar car lir-rikorrenti li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru b`ebda mod ma ghandu jfisser illi l-ufficjali tal-kumpannija – kemm jekk ikunu r-rikorrenti stess inkella jekk ikun haddiehor – ma qeghdin jinghataw xi *carte blanche* sabiex mill-ghada li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru jkunu jistghu jaghmlu li jridu u jittraskuraw ghal kollox l-obbligi taghhom skond il-ligi. Ghaliex jekk dan jigri mill-gdid, minghajr l-ebda raguni valida, gustifikata jew li taghmel sens, din il-Qorti certament tahsibha xort`ohra u mhux sejra tonqos li tezercita d-diskrezzjoni taghha diversament. *Del resto* il-Qorti trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija tkun qeghda tidhol lura fil-binarji tar-regolarita` u tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkun kostrett jagixxi minhabba l-inadempjenzi taghha jew tal-ufficjali taghha.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti kif gej –**

**1) Tordna li l-isem Abela Enterprises Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C879 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Abela Enterprises Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C879 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun konsenjata lilu mir-Registratur tal-Qrati kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Abela Enterprises**

**Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C879 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Abela Enterprises Limited (C879) rega` dahal fir-registru.**

**4) Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, u kwalsiasi spejjez ohra li jkunu mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Abela Enterprises Limited (C879) jerga` jidhol fir-Registru.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------